

32003L0118

16.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 327/25

## ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/118/KE

tal-5 ta' Diċembru 2003

li temenda l-Annessi tad-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE f'dak li jirrigwardja l-livelli massimi tar-residwi għal *acephate*, *2,4-D* u *Parathion-methyl*

(Test b'rilevanza ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 relatata mal-istabilizzar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq il-frott u l-ħxejjex<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/60/KE<sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-istabilizzar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali<sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/62/KE<sup>(4)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-istabilizzar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq l-oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini mill-annimali<sup>(5)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/60/KE<sup>(4)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-istabilizzar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq ċerti prodotti ta' l-oriġini mill-pjanti inklużi l-frott u l-ħxejjex<sup>(6)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/69/KE<sup>(7)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ta' l-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti<sup>(8)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/84/KE<sup>(9)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 4(1)(f) tagħha,

Billi:

- (1) Għas-sustanzi attivi eżistenti *acephate* u *Parathion-methyl*, deċiżjonijiet kienu meħuda sabiex dawn ma jkunux inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2003/219/KE<sup>(10)</sup> u 2003/166/KE<sup>(11)</sup> rispettivament. Dawn id-Deċiżjonijiet kellhom provvediment li l-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom dawn is-sustanzi attivi m'għandhomx ikunu aktar awtorizzati għall-użu fil-Komunità.

- (2) Sabiex jitħallew li l-aspettattivi leġittimi jkunu mwettqa għall-ħażniet eżistenti tal-pestiċidi ħalli jkunu wżati, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ċitati fir-reċita 1, ippermettew perjodu ta' tneħħija ffazijiet, u huwa xieraq li l-livelli massimi tar-residwi (MRL) affermati fuq l-idea li l-użu tas-sustanza kkonċernata ma tkunx awtorizzata fil-Komunità m'għandhiex tkun applikata sat-tmiem tat-tneħħija ffazijiet tal-perjodu li japplika għal dik is-sustanza.
- (3) L-MRL tal-Komunità u l-livelli rakkommandati bil-*Codex Alimentarius*<sup>(12)</sup> huma stabbiliti u evalwati bis-segwiment ta' proċeduri simili. Hemm numru limitat ta' *Codex MRL* għall-*acephate* u *Parathion-methyl*. Dawn kienu meqjusa fil-bażi tal-MRL stabbiliti f'din id-Direttiva. Il-*Codex MRL* li għandhom ikunu rakkommandati għat-tneħħija fil-futur qarib ma kienux ġew meqjusa. L-MRL ibbażati fuq il-*Codex MRL* kienu ġew evalwati fid-dawl tar-riskji għall-konsumaturi, l-ebda riskju ma kien stabbilit.
- (4) Sabiex ikun assigurat li l-konsumatur ikun adekwatament protett minn l-esposizzjoni għar-residwi li jirriżultaw mill-użu mhux awtorizzat tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti, MRL proviżjonali għandhom ikunu stabbiliti għall-prodotti/pestiċidi rilevanti f'għemgħat fil-limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.
- (5) Huwa għalhekk meħtieġ li r-residwi tal-pestiċi kollha li jirriżultaw mill-użu ta' dawn il-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti jiżiedu ma l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE sabiex jippermettu s-sorveljanza u l-kontroll xieraq tal-projbizzjoni ta' l-użu tagħhom u tal-protezzjoni tal-konsumatur.
- (6) L-MRL għall-*Parathion-methyl* għandhom ikunu stabbiliti fid-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/895/KEE li stabbilew l-MRL għal dik is-sustanza għandhom konsegwentament ikunu mħassra.
- (7) Meta l-ebda MRL tal-Komunità jew MRL proviżjonali ma jkunu jeżistu, b'hal fil-każ għal 2,4-D fuq iċ-ċitru bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/97/KE<sup>(13)</sup>, l-Istati Membri għandhom jistabilixxu MRL nazzjonali proviżjonali bi qbil ma l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE qabel ma l-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom dawn is-sustanzi attivi ma jkunu awtorizzati. Id-dettalji li jkunu ġew ippreżentati minn Stat Membru li jkunu juru li MRL aktar għolja tista tkun stabbilita għaċ-ċitru, jirreflettu l-użu ta' 2,4-D f'uħud mill-pajjiżi terzi. Dettalji kienu ġew ippreżentati li juri li dawn ir-residwi ma jimponu l-ebda riskju għall-konsumaturi fil-Komunità.

<sup>(1)</sup> ĠU L 340, tad-9.12.1976, p. 26.<sup>(2)</sup> ĠU L 155, ta' l-24.6.2003, p. 15.<sup>(3)</sup> ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 37.<sup>(4)</sup> ĠU L 154, tal-21.6.2003, p. 70.<sup>(5)</sup> ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 43.<sup>(6)</sup> ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71.<sup>(7)</sup> ĠU L 175, tal-15.7.2003, p. 37.<sup>(8)</sup> ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.<sup>(9)</sup> ĠU L 247, tat-30.9.2003, p. 20.<sup>(10)</sup> ĠU L 82, tad-29.3.2003, p. 40.<sup>(11)</sup> ĠU L 67, ta' l-10.3.2003, p. 18.<sup>(12)</sup> [http://apps.fao.org/CodexSystem/pestdes/pest\\_q-e.htm](http://apps.fao.org/CodexSystem/pestdes/pest_q-e.htm).<sup>(13)</sup> ĠU L 343, tat-18.12.2002, p. 23.

- (8) L-Annessi rilevanti tad-Direttivi 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/362/KEE, u 90/642/KEE għandhom għalhekk ikunu emendati kif xieraq.
- (9) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil ma l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

#### Artikolu 1

Fl-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE id-dħul li jirrigwardja lill-*Parathion-methyl* għandu jkun imħassar.

#### Artikolu 2

Fil-parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE, ir-ringieli li ġejjin għandhom ikunu miżjuda:

Residwi tal-pestiċidi	Livell massimu fi mg/kg
'Acephate	0,02 (*) ċereali
<i>Parathion-methyl</i> (is-somma ta' <i>Parathion-methyl</i> u <i>paraoxon-methyl</i> espressi bħala <i>Parathion-methyl</i> )	0,02 (*) ċereali

(\*) Tindika l-limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.'

#### Artikolu 3

Fil-parti B ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE, ir-ringieli li ġejjin għandhom ikunu miżjuda:

Residwi tal-pestiċidi	Livell massimu (mg/kg)		
	Tal-laħam, inkluż ix-xaħam, preparazzjonijiet tal-laħam, raċanċ u x-xaħmijiet ta' l-annimali kif elenkati fl-Anness I fi ħdan il-kodiċi NM Nri 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602	Għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib elenkati fl-Anness I taħt il-kodiċi NMNri 0401, 0402, 0405 00 u 0406	Għal bajn fil-qoxra, għal bajd ta' l-għasafar u isfra tal-bajd elenkati fi l-Anness I fi ħdan il-kodiċi Nri 0407 00 u 0408
"Acephate	0,02 (*)	0,02 (*)	0,02 (*)
<i>Parathion-methyl</i> / <i>Parathion-methyl</i> / <i>Parathion-methyl</i> )	0,02 (*)	0,02 (*)	0,02 (*)

(\*) Tindika l-limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika."

#### Artikolu 4

L-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE huwa emendat kif ġej:

- Il-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi (MRL) kif mutrija fl-Anness ta' din id-Direttiva huma miżjuda ma l-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE.
- Il-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi għall-2,4-D (is-somma ta' 2,4-D u l-esteri tiegħu espressi bħala 2,4-D) fuq il-frott taċ-ċitru għandhom ikunu emendati għal "1 (p) mg/kg".

#### Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jpubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu konformi ma din id-Direttiva sat-30 ta' Novembru 2004 l-aktar tard, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjoni permezz ta' l-Artikolu 4(2), li għandu jkun adottat u ppubblikat mill-Istati Membri sal-31 ta' Marzu 2004 l-aktar tard. Għandhom minnufih jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Diċembru 2004 bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjoni peremzz ta' l-Artikolu 4(2), li għandha tkun applikata sa l-1 ta' April 2004.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati b'referenza bħal din fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif referenza bħal din għandha ssir.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

---

## L-ANNEX

Gruppi u eżempji ta' prodotti ndividwali li dwarhom l-MRL huma applikabbli	Residwi ta' Pestiċidji u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)	
	Acephate	Parathion-methyl (is-somma ta' para-oxon-methyl u para-oxon-methyl espressi bħala Parathion-methyl)
1. Frott, frisk, imqadded jew mhux misjur, ippreservat bl-iffriżar, li ma jkunx fih żieda ta' zokkor; ġewż	0,0 2 (*)	0,02 (*)
i) FROTT TAĊ-ĊITRU		
Trong		
Lumi		
Xkomp		
Mandolini (inklużi l-klementini u ibridi oħrajn)		
Larinġ		
Pomeli		
Oħrajn		
ii) ĠEWŻ TAS-SIĠAR (bil-qoxra jew imqaxxar)		
Lews		
Ġewż tal-Brażil		
Ġewż tal-kexju		
Qastan		
Ġewż ta' l-Indi		
Ġellews		
Ġewż tal-makadamja		
Ġewż tal-pekani		
Qlub tal-prinjoni		
Ġewż tal-pistacċji		
Ġews		
Oħrajn		
iii) FROTT TAL-POME		
Tuffieħ		
Lanġas		
Sfraġel		
Oħrajn		
iv) FROTT TA' L-GĦADMA		
Berquq		
Ċirasa		
Ħawħ (inklużi nettarinu u ibridi simili)		
Għanbaqar		
Oħrajn		
v) FROTT ŻĠĦIR U KUKKU		
a) Ġheneb tal-mejda u ta' l-inbid		
Ġheneb tal-mejda		
Ġheneb ta' l-inbid		
b) Frawli (appart milli tal-foresti)		

Gruppi u eżempji ta' prodotti ndividwali li dwarhom l-MRL huma applikabbli	Residwi ta' Pestiċidji u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)	
	Acephate	Parathion-methyl (is-somma ta' para-oxon-methyl u para-oxon-methyl espressi bħala Parathion-methyl)
c) Frott tal-qasab (appart milli tal-foresti) Tut Dewberries Loganberries Lamponi Oħrajn d) Kukku u frott żgħir ieħor (appart milli tal-foresti) Bilberries Cranberries Passolina (ħamra, sewda u bajda) Gooseberries Oħrajn e) Kukku u frott ieħor selvaġġ vi) MIXXELLANJI Avokado Banana Tanal Tin Kiwi Kumkwatt Liċi Mangi Żebbuġ Frott tal-passjoni Ananas Rummien Oħrajn		
2. Ħxejjex, friski jew mhux imsajjra, iffriżati jew imqadda	0,02 (*)	0,02 (*)
i) ĦXEJJEX TA' L-GĦERUQ U TUBERI Pitravi (ħamra) Karroti Krafes ħomor (ħoxnin) Ravanell Artiċoks Zfunnarja (bajda) L-ġherq tat-tursin Ravanell (abjad) Salsafja Patata ħelwa Rapa Svediża Nezew Jamm Oħrajn		

Gruppi u eżempji ta' prodotti ndividwali li dwarhom l-MRL huma applikabbli	Residwi ta' Pestiċidji u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)	
	Acephate	Parathion-methyl (is-somma ta' para-oxon-methyl u para-oxon-methyl espressi bħala Parathion-methyl)
ii) ĦXEJJEX TAL-BASLA Basal Basal żgħir Basal abjad (tar-rebiegha) Tewm Oħrajn iii) ĦXEJJEX LI JAGĦTU L-FROTT a) Solanaċea Tadam Bżar Brunġiel Oħrajn b) Kukubriti – qoxra oħra tajba għall-ikel Ħjar Ħjar żgħir (tal-pikles) Qargħa bagħli Oħrajn c) Kukubriti – qoxra oħra mhux tajba għall-ikel Bettiegħ Lbieba tal-qara Dolliegh Oħrajn d) Qamħ-ir-rum ħelu iv) ĦXEJJEX TAL-BRASIKA a) Brassika tal-fjuri Brokkli Pastard Oħrajn b) Brassika tar-ras Brussels sprouts Kaboċċa tar-ras Oħrajn c) Brassika tal-weraq Kaboċċa Ċiniża Felful Oħrajn d) Kolorabi v) ĦXEJJEX TAL-WERAQ U ĦWAWAR FRISKI a) Ħass u simili krexxun Ħass tal-ħaruf Ħass Skaroli Oħrajn		

Gruppi u eżempji ta' prodotti ndividwali li dwarhom l-MRL huma applikabbli	Residwi ta' Pestiċidji u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)	
	Acephate	Parathion-methyl (is-somma ta' para-oxon-methyl u para-oxon-methyl espressi bħala Parathion-methyl)
b) Spinaċi u simili Spinaċi Weraq tal-pitravi (salvelinus) Oħrajn c) Krexxun ta' l-ilma (aruka) d) Witluf e) Ħwawar Maxxita Kurrat selvaġġ Tursin Weraq tal-krafes Oħrajn vi) ĦXEJJEX LEGUMINI (friski) Fażola (bil-miżwed) Fażola (mingħajr miżwed) Piżelli (bil-miżwed) Piżelli (mingħajr miżwed) Oħrajn vii) ĦXEJJEX TAZ-ZOKK (friski) Asparaġi Karduni Krafes Bużbież Qaqoċċ Kurrat Rabarbru Oħrajn viii) FAQQIEGĦ (fungi) a) Faqqiegħ ikkoltivat b) Faqqiegħ selvaġġ		
3. FROTT TAL-MIŻWED Fażola Għads Piżelli Oħrajn	0,02 (*)	0,2 0,02 (*)
4. ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT Kittien Karawett Żerriegħa tal-peprin Żerriegħa tal-ġulġlien Żerriegħa tal-ġirasol Żerriegħa tar-rapa Fażola tas-soja Żerriegħa tal-mustarda Żerriegħa tal-qoton Oħrajn	0,05 (*)	0,05 (*)

Gruppi u eżempji ta' prodotti ndividwali li dwarhom l-MRL huma applikabbli	Residwi ta' Pestiċidji u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)	
	Acephate	Parathion-methyl (is-somma ta' para-oxon-methyl u para-oxon-methyl espressi bħala Parathion-methyl)
5. PATATA Patata bikrija Patata mwaħħra	0,02 (*)	0,02 (*)
6. TE (weraq u zkuk, imnixxa, ffermentati jew mod- ieħor, minn weraq tal- <i>Camellia sinensis</i> )	0,05 (*)	0,05 (*)
7. HOPS (imqadded), inklużi l-gerbubi tal-ħops u trab mhux ikkonċentrat	0,05 (*)	0,05 (*)

(\*) Tindika l-limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika.